# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. DR DAVID SCICLUNA LL.D. MAG. JUR. (EUR. LAW)**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 25 ta' Jannar 2002**

**Numru**

**Citaz. numru 1479/93 DS**

John Galdes bhala rapprezentant tas-socjeta` Galdes and Mamo Limited agenti f'Malta tas-socjeta` assikuratrici estera Royal International Insurance Holdings Limited u dina kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat taghha UCIM Co. Ltd., u b'nota tal-25 ta' April 2000 is-socjeta` Gasan Mamo Insurance Agency Limited assumiet l-atti tal-kawza minflok is-socjeta` Galdes and Mamo Limited u dana in rapprezentanza tas-socjeta` assikuratrici estera Royal International Insurance Holdings Limited kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat taghha UCIM Co. Ltd.

vs

Joseph Bowman bhala rapprezentant tas-socjeta` Parnis England Trucking Limited, u b'digriet tat-28 ta' Marzu 1994 gie kjamat in kawza Anthony Mizzi bhala direttur tas-socjeta` J & A Trucking Co. Ltd., u b'digriet tat-3 ta' Awissu 1998 gie kjamat in kawza John Bugeja

Illum, 25 ta' Jannar 2002

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fid-29 ta' Ottubru 1993 li permezz taghha l-attur nomine wara li ppremetta:

Illi s-socjeta UCIM Co. Ltd. inkarigat lis-socjeta' konvenuta biex jittrasportaw sebgha u erbghin (47) carton auto parts minn Fiat Auto Warehouse f'Volvero sa Ricasoli Bonded Stores, (Dok. A)

Illi dawn il-cartons gew trasportati mis-socjeta' konvenuta jew l-agenti taghha fi trailer b'numru TR 084M u truck b'numru J 4489M.

Illi f'xi hin dan it-truck thalla fi Triq Pubblika f'Milan li ma kenitx mghassa u gie misruq it-truck bil-kontenut tieghu.

Illi ghalhekk is-socjeta' UCIM Co. Ltd. soffriet danni ta' sitt elef disa mija u tmienja u tletin lira Maltija u hamsa u erbghin centezmu (Lm6938.45).

Illi s-socjeta attrici, kif obbligata hallset dan l-ammont ta' Lm6938.45 lis-socjeta' UCIM Co. Ltd. u ghalhekk giet surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat (Dok. B).

talab lil din il-Qorti:

1. tiddikjara lill-konvenut noe responsabbli ghan-nuqqas fuq indikat;

2. tikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' sitt elef disa mija u tmienja u tletin lira Maltija u hamsa u erbghin centezmu (Lm6938.45) in linea ta' danni sofferti mis-socjeta' attrici bl-interessi sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut noe mill-lum ingunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Joseph Bowman nomine fejn qal:

1. Illi l-eccipjenti nomine qeda dmirijietu bl-akbar diligenza u m'ghandux jinzamm responsabbli ghat-telf tal-merkanzija in kwistjoni stante li din intilfet b'accident u/jew b'forza magguri kif jigi ppruvat fit-trattazzjoni tal-kawza;

2. Illi l-attur nomine irid jipprova li l-merkanzija in kwistjoni kienet propjeta’ tal-assikurat l-UCIM Ltd.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-digriet ta’ l-14 ta’ Marzu 1994 fejn gie nominat l-Avukat Dottor Mark Chetcuti bhala perit gudizzjarju biex ifittex u jirrelata dwar il-fondatezza ta-domandi attrici, wara li jiehu konjizzjoni ta’ l-eccezzjonijiet, u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x’jaqsmu mal-kaz;

Rat id-digriet tat-28 ta’ Marzu 1994 fejn gie kjamat in kawza Anthony Mizzi bhala direttur tas-socjeta` J & A Trucking Co. Ltd.;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet ta’ l-imsemmi kjamat in kawza nomine fejn qal:

1 Illi John Bugeja li kien qieghed isuq it-trailer in kwistjoni mhux impjegat tad-ditta kjamata in kawza imma biss appaltat u fil-fatt J&A Trucking ma ghandhom ebda drivers impjegati tal-kumpanija biex b’hekk John Bugeja ghandu jkun l-uniku legittimu kontradittur tal-atturi f’din il-kawza;

2. Illi ghalhekk ghandu jigi kjamat in kawza l-istess John Bugeja ta’ 53, St. Helen Street, Cospicua li f’idu u that ir-responsabbilita’ tieghu jinsab it-tractor Numru J-4489M meta dan gie misruq u li fuqu biss taqa’ ir-responsabbilta tal-akkadut; hekk ukoll ghandha tigi kjamata in kawza id-ditta Sittam Spa ta’ l-Italja.

3. Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezjonijiet l-ohra John Bugeja li hu appaltat hadem fuq istruzzjonijiet (li dwarhom il-kjamati in kawza ma kienu jafu xejn) diretti moghtija lilu personalment u direttament minn Sittam S.p.a. li huma l-agenti u jagixxu ghas-socjeta konvenuta Parnis England biex b’hekk kien hemm ness dirett bejn ir-rappresentanti tal-konvenuti Parnis England u John Bugeja li mhumiex impjegati tal-kjamati in kawza;

4. Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra Sittam S.p.a. agenti tal-konvenuti Parnis England ordnaw lil John Bugeja biex wara li jghabbi il-merkanzija mid-ditta FIAT S.p.a. f’Turin u minn Mini Plastics ta’ Casalpusterlengo huwa jitla ghand Sittam S.p.a. f’Milan biex jigbor dokumenti;

5. Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra John Bugeja ma kellux ghalfejn imur Milan kieku ma giex mitlub jaghmel hekk minn Sittam S.p.a. u fil-fatt peress illi minn hemm ma ghabba xejn hu ma thalliex jidhol fil-“compound” tad-ditta Sittam S.p.a. fejn it-truck kien ikun indukrat; u jinghad illi il-gbir tad-dokumenti minn Milan ma kienx essenzjali ghall-kontinwazzjoni tat-tragitt stante li dawn id-dokumenti setghu gew konsenjati fil-post jew f’lok iehor;

6. Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra Sittam S.p.a. agenti tal-konvenuti Parnis England u l-istess Parnis England kienu jafu li biex jitla’ ghad-dokumenti fl-ufficini ta’ Sittam S.p.a. f’Milan John Bugeja kellu bil-fors ihalli it-truck ghal xi hin wahdu u minkejja dan huma xorta wahda esigewlu li jitla’ ghad-dokumenti;

7. Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra minn rapport tal-Pulizija Taljana jirrizulta illi: (I) l-antifurto tat-truck kien mixghul, (ii) il-bibien tal-vejikolu in kwistjoni kienu maghluqin bic-cavetta u (iii) l-uniku domanda li r-risposta taghha hi negattiva hi: “se il parcheggio dove e avvenuta il-furto era costodito o no.” u hawn irid jinghad li John Bugeja ma setax jidhol fil-“compund” ta’ Sittam S.p.a. (agenti tal-konvenuti Parnis England) li ma kellux merkanzija x’jghabbi minn hemm u dan ilkonvenuti u l-agenti taghhom kienu jafuh;

8. Illi minghajr prgudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra il-kjamati in kawza maq kellhom ebda tort jew negligenza li ghaliha jistghu jinzammur responsabbli ghall-akkadut;

9. Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, kieku ghal grazzja tal-argument John Bugeja jigi meqjus bhala impjegat tal-konvenuti irid jigi pruvat li kien hemm “culpa in eligendo” sabiex ikunu jistghu jinzammu responsabbli l-konvenuti.

10. Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra l-allegazzjonijiet li t-truck kien ghal hin qasir wahdu “unattended” ma jfissirx li din kienet il-kawza tas-serqa li ghaliha ghandhom u jistghu jahtu biss il-hallelin li wettqu l-att delittwali; u l-attur fin-nuqqas tal-gharfien ta’ dawn ma jistax idur fuq il-kjamati in kawza biex igib dak li tilef.

11. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-digriet ta' l-14 ta' Marzu 1994 fejn gie nominat l-Avukat Dottor Mark Chetcuti bhala perit gudizzjarju biex ifittex u jirrelata dwar il-fondatezza ta-domandi attrici, wara li jiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet, u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz;

Rat id-digriet tat-28 ta' Marzu 1994 fejn gie kjamat in kawza Anthony Mizzi bhala direttur tas-socjeta` J & A Trucking Co. Ltd.;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' l-imsemmi kjamat in kawza nomine fejn qal:

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet ulterjuri ta' Anthony Mizzi nomine fejn qal:

1. Illi l-kawza kontra l-kjamat fil-kawza ghandha tigi dikjarata bhala dekaduta skond is-C.M.R. Rules li japplikaw ghal kaz in ezami u partikolarment Art. 32. Iz-zmien tal-azzjoni huwa estint f'gheluq sena u sittin jum minn meta t-trasportatur ha l-konsenja tal-oggetti in kwistjoni. Issa t-trasportatur ha l-oggetti fil-5 ta' Novembru 1992 meta gara l-incident de quo. Sena u sittin jum mill-5 ta' Novembru 1992 iwassal sal-4 ta' Jannar 1994 u d-digriet tal-kjamat in kawza nghata fit-28 ta' Marzu 1994 biex b'hekk il-perjodu ta' dekadenza kien gia ghadda;

2. Illi apparti dan kollu qed issir referenza ghall-kawza fuq l-istess incident u l-istess mertu li giet deciza fis-sens li minhabba dekadenza skond is-CMR Rules it-talba attrici giet michuda – Dr. Simon Micallef Stafrace noe vs Joseph Bowman noe et Citaz. 129/94 GC deciza fil-15 ta' Jannar 1997.

3. Illi ghal dawn il-motivi id-ditta J&A Trucking Company Limited ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju. U fil-konfront taghha t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda peress illi z-zmien tal-azzjoni gie estint f'gheluq sena u sittin jum minn meta t-trasportatur ha l-konsenja tal-oggetti in kwistjoni.

Rat id-digriet tat-3 ta' Awissu 1998 fejn gew kjamati in kawza John Bugeja u Sittam spa ta' l-Italja kif ukoll id-digriet ta' l-14 ta' Jannar 2000 fejn l-imsemmi digriet gie revokat *contrario imperio* in kwantu ntlaqghet it-talba ghall-kjamat in kawza tas-socjeta` Sittam spa ta' l-Italja;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-kjamat in kawza John Bugeja fejn qal:

Illi preliminarjament l-azzjoni fil-konfront tieghu tinsab preskritta u dan billi l-vjagg kien regolat minn *CMR Convention* u t-terminu ta' sena ghadda.

Fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghal premess, f'kaz li jigi ritenut illi l-imsemmija Konvenzjoni ma tapplikax, l-azzjoni tinsab preskritta a tenur ta' l-Artikolu 544 (E) tal-Kodici tal-Kummerc.

Illi fit-tielet lok u minghajr pregudizzju ghal premess l-eccipjent m'hu bl-ebda mod responsabbli ghall-incident in kwistjoni billi, kontrarjament ghal dak li qed jigi allegat mill-attur, it-truck in kwistjoni thalla go *parking area* appozita u kien imsakkar. L-incident gara ghal ragunijiet purament barra l-kontroll tal-esponenti.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat ir-relazzjoni mahlufa mill-perit gudizzjarju fl-4 ta' April 2001;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat illi:-

**L-eccezzjonijiet ta' preskrizzjoni**

L-ewwel punt li jrid jigi deciz jirrigwarda l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni ossia ta' dekadenza sollevata mis-socjeta` kjamata fil-kawza J & A Trucking Ltd kif ukoll mill-kjamat fil-kawza John Bugeja.

Is-socjeta` J & A Trucking Ltd kienet is-subappaltatur fil-kwistjoni, imqabbda mit-trasportatur, is-socjeta` konvenuta Parnis England Trucking Ltd. li kienet inghatat l-appalt ta' trasport mis-socjeta` lokali UCIM Co. Ltd. biex tittrasporta *auto parts* minn Volvera, Torino, fl-Italja ghal Malta. John Bugeja kien d-*driver* tat-*truck* li nsteraq bil-merkanzija b'kollox meta dan kien jinsab Milan.

L-eccezzjoni hi bazata fuq ir-Regoli tas-CMR Convention li l-Qorti m'ghandha l-ebda dubju li japplikaw ghall-kaz in ezami. Difatti, ghalkemm ma saret l-ebda dikjarazzjoni mill-partijiet fis-sens li jaqblu li din il-Konvenzjoni kienet tirregola t-trasport in kwistjoni, mill-banda l-ohra hadd ma kkontesta l-applikabilita` taghha.

Il-perit legali rrefera ghal kawza ohra fl-ismijiet **Dr. Simon Micallef Stafrace noe vs Parnis England Trucking Ltd. et** deciza fil-15 ta' Jannar 1997 li kienet tirrigwarda l-istess mertu, cioe` s-serq ta' merkanzija ohra li kien hemm fuq l-istess *truck* (peress li huwa stabbilit li l-merkanzija kienet se titnizzel Malta bhala *groupage cargo*), kawza li saret minn socjeta` assikuratrici ohra li kienet hallset l-assikurat taghha (l-importatur li kien inkariga wkoll lill-istess socjeta` konvenuta f'dawn il-proceduri, cioe` Parnis England Trucking Ltd.) ghat-telf li garrab mill-istess serqa, u f'liema kawza l-partijiet ivverbalizzaw li l-Konvenzjoni tas-CMR kienet tirregola t-trasport in kwistjoni. Il-konvenut u kjamati fil-kawza kienu l-istess socjeta` konvenuta u kjamati fil-kawza f'din il-kawza.

F'dik is-sentenza din il-Qorti diversament presjeduta applikat l-artikolu 32 tas-CMR li jistipola li kull eccezzjoni bbazata fuq kuntratt jew delitt naxxenti minn trasport ta' merkanzija ghandha ssir fi zmien sena. L-artikolu 32(1)(b) imbaghad izid li z-zmien f'kaz ta' telf totali tal-merkanzija jibda jghodd mis-sittin jum mindu t-trasportatur ikun ha l-konsenja f'idejh.

Issa fil-kaz taht skrutinju jirrizulta li d-*driver* John Bugeja tqabbad mis-socjeta` J & A Trucking Co. Ltd. u li dan ha l-merkanzija in konsenja fil-5 ta' Novembru 1992. Id-data hija kkonfermata mill-kopja ta' *fax* (a fol. 44) mibghut lis-socjeta` importatrici mis-socjeta konvenuta Parnis England Trucking Ltd. li jirreferu wkoll ghas-serqa *"while **our*** (enfazi tal-Qorti) *driver was at Sittam office"*.

Din il-kawza giet intavolata kontra s-socjeta` konvenuta fid-29 ta' Ottubru 1993, mela sahansitra entru t-terminu ta' sena minn mindu x-xufier inkarigat ha l-merkanzija in konsenja. Izda differentement jinghad fir-rigward tal-kjamati fil-kawza.

Fil-kaz ta' J & A Trucking Co. Ltd. japplika l-istess artikolu tal-Konvenzjoni peress li dik is-socjeta` hija wkoll trasportatur li jaqa' fit-termini ta' l-artikolu 32(1)(b). J & A Trucking Co. Ltd. giet kjamata fil-kawza b'digriet tat-28 ta' Marzu 1994, cioe` aktar minn sena u erba' xhur wara l-konsenja tal-merkanzija lit-trasportatur u ghalhekk oltre s-sena u sittin jum previsti mill-imsemmi artikolu. L-eccezzjoni relattiva ghandha b'hekk tigi milqugha.

John Bugeja ma ghandu l-ebda relazzjoni kontrattwali ma' l-attur izda skond l-artikolu 28(2) tas-CMR *"in cases where the extra-contractual liability for loss ... of one of the persons for whom the carrier is*

*responsible under the terms of Article 3 is in issue such person may also avail himself of the provisions of the convention which exclude the liability of the carrier or which fix a limit on the compensation due".* L-artikolu 3 jipprovdi li *"for the purposes of this convention the carrier shall be responsible for the acts and omissions of his agents or servants and of any other persons of whose services he made use of for the performance of the carriage, when such agents, servants or other persons are acting within the scope of their employment, as if such acts and omissions were his own".* Issa John Bugeja gie kjamat fil-kawza b'digriet tat-3 ta' Awissu 1998, ferm oltre t-terminu perentorju previst mill-Konvenzjoni tas-CMR. Hawn ukoll l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni ghandha tigi milqugha.

**It-tieni eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta**

Fit-tieni eccezzjoni taghha s-socjeta` konvenuta eccepiet li l-attur nomine jrid jipprova li l-merkanzija in kwistjoni kienet proprjeta` ta' l-assikurat taghha, cioe` s-socjeta` UCIM Co. Ltd. Li l-merkanzija kienet destinata lis-socjeta` UCIM Co. Ltd. jirrizulta ampjament mill-*invoice* u *packing lists* a fol. 21 *et sequitur* annessi mas-*survey report* Dok. A. Il-*claim* u hlas sussegwenti sar mis-socjeta` assikuratrici attrici lis-socjeta` UCIM Co. Ltd. kif jirrizulta mis-*subrogation form* (Dok. B a fol. 48). John Galdes xehed fis-seduta peritali tal-5 ta' Marzu 1996 u kkonferma l-pagament tas-somma ta' Lm6938.45 kif ukoll stqarr li l-merkanzija nxtrat *ex-works*. Carmel Galea, *parts manager* mas-socjeta` UCIM Co. Ltd., ikkonferma kemm li rcevew il-hlas minghand is-socjeta` attrici kif ukoll li l-merkanzija kienet inxtrat *ex-works*. Ghalhekk il-Qorti m'ghandhiex ghalfejn tqis aktar din l-eccezzjoni.

**Il-mertu tal-kaz**

Is-socjeta` konvenuta kellha relazzjoni kontrattwali diretta mas-socjeta` importatrici UCIM Co. Ltd. Is-socjeta` konvenuta ma tistax tehles mir-responsabbilta` semplicement ghax ma kellhiex x'taqsam mas-serqa u t-telf tal-merkanzija bis-serq ghax it-trasportatur huwa responsabbli, skond l-imsemmi artkolu 3 ghall-atti u ommissjonijiet *"of his agents or servants and of any other persons of whose services he made use of for the performance of the carriage, when such ... are acting within the scope of their employment"*, salv naturalment id-drittijiet ta' l-istess socjeta` konvenuta skond l-artikolu 37 tas-CMR.

F'dan il-kaz il-perit legali jikkummenta hekk:

"F'dan il-kaz irrizulta car mix-xhieda prodotta u mhux kontradetta illi d-ditta Parnis England is-subappaltat it-trasport tal-merkanzija tad-ditta UCIM lil J&A Trucking li uzaw is-servizzi tad-driver John Bugeja biex jaghmel it-trasport tal-merkanzija. Parnis England kienu jafu b'dan u kienu jzommu kuntatti ma J&A Trucking kuljum; inoltre kif xehed l-istess John Bugeja hu stess kien jiehu ordnijiet direttament minghand l-istess Parnis England meta t-trailer ma kienx ikun ghadu mimli biex jara hemmx iktar konsenji x'isiru biex jimla t-trailer. Fil-fatt ta' Parnis England qalulu sabiex jikkuntattja lil Sittam Spa li kienu l-ispedizioneri biex jiehu struzzjonijiet ulterjuri kif fil-fatt ghamel. Sittam Spa kienu l-agenti esteri ta' Parnis England. Dan gie konfermat minn Anthony Bobe, manager ta' J&A Trucking.

Il-Bazi tar-responsabilita tat-trasportatur tinsab fl-artikolu 17(1) tar-regolamenti li jghid *"The carrier shall be liable for the total loss of the goods and of damage therto occurring between the time when he takes over the goods and the time of delivery."* Gie ppruvat illi d-ditta FIAT baghtet l-ispare parts mertu tal-kawza u dawn gew konsenjati u mghobbija fuq it-trailer li sussegwentement insteraq b'kollox.

Id-ditta Parnis England qed teccepixxi li mhix responsabbli ghal dak li gara peress illi qdiet dmirijietha bl-akbar diligenza u l-merkanzija ntilfet b'forza magguri jew accident. Din id-difiza issib l-applikazzjoni taghha fl-artikolu 17(2) fejn it-trasportatur hu ezonerat mir-responsabilita' minhabba *"circumstances which the carrier could not avoid and the consequences of which he was unable to prevent"* u dan hu l-mertu tal-kawza.

Il-grad ta' diligenza rikjesta f'kazijiet simili mit-trasportatur hu deskritt hekk mill-awtur Malcolm A. Clarke fil-ktieb "International Carriage of Goods by Road: CMR"

*"there is a temptation to exonerate the carrier on this ground, if he has taken all 'reasonable steps' to avoid the event causing loss… This would sit easily with the general duty of exercising reasonable care of cargo, which, it has been suggested will be implied in a contract to carry goods by road." "But the defense in article 17(2) makes no mention of reasonable steps and such steps are probably insufficient. What the caqrrier must show is more akin to the plea of impossibility of performance of a contract which involves an event which renders the contract not merely more onerous but completely impossible of performance. Writers on the CMR are agreed that the event must one which literally 'could not' be avoided by the carrier. It need not*

*however, like the concept of force majeur in France, be unforseeable although many events will, by the very fact that they are forseeable, beavoidable by the carrier of whom such a high standard is required."*

Jekk wiehed jiehu bhala linja bazi dan il-principju applikabbli ghar-regolamenti CMR l-esponenti jissottometti illi kien hemm nuqqasijiet da parti ta' John Bugeja u da parti ta' Sittam Spa.

L-esponenti jirreferi fid-dettal ghax-xhieda ta' John Bugeja, xiehda li imkien ma hi kontradetta jew suspettuza, li nghatat fid-19 ta' Jannar 1999, Minnha johorgu certi fatti saljenti cioe' illi J&A Trucking baghtuh jigbor spare parts tal-FIAT minn Volvero Torino, skond l-appalt moghti lilhom minn Parnis England.

Baghtuh ukoll jigbor spare partts tal-Alfa Mill-akkwati. Hu cempel lil Sandro Camilleri ta' Parnis England ghax kien fadal l-ispazju fit-trailer ghax il-ftehim kien li meta jkun jonqos l-ispazju jcempel biex izidu l-merkanzija. Aqallu jcempel lil Patrizia jew Signor Islinghi tal-kumpanija Sittam, agenti taghhom l-Italja biex jiehu struzzjonijiet minghandhom. Hu inghata struzzjonijiet biex jigbor fliexken vojta tal-Jif minn Lodi. Wara li ghabba rega cempel lil Sittam ghax kellu ftit spazju iehor ghalkemm kien fadal biss nofs metru. Is-soltu mit-taghbija tal-Jif kien jinzel Livorno biex ighabbi ftit merkanzija ohra minghand is-Sittam f'Milan. Bugeja tala' pero' ma ghabba xejn izjed ghax ix-xoghol li kien hemm kien kbir wisq ghall-ispazju li kellu.

F'Milan Signo Islinghi ghamillu d-dokumenti tad-dwana flok fil-port fejn soltu kien jaghmilhom; ghalkemm meta jghabbi full board minghand is-Sittam id-dokumenti tad-Dwana jimlewhomlu hemm.

Meta ma ghabba xejn mill-warehouse tas-Sittam qalulu biex johrog mill-warehouse u jipparkja f'triq pubblika fil-parkegg fejn jipparkjaw it-trailers. Dan il-parkegg mhux kustodit, Sakkar it-truck u t-trailer u mar ghand Signor Islinghi bid-dokumenti tax-xoghol. Mar mieghu ghand tad-Dwana li qaluilu jrid jistenna xi ghoxrin minuta. Ghalhekk rega mar fit-trailer u wara li ghadda l-hin, rega mar ghad-dokumenti wara li sakkar it-truck u t-trailer. Malli gie lura ma sabx it-truck u t-trailer.

Mis-survey u rapport tal-pulizija jidher li s-serqa saret wara s-7.00 ta' filghaxija u qabel it-8.30 p.m.

L-esponenti jissottometti illi l-agir ta' John Bugeja u Sittam Spa kien nieqes mill-grad ta' diligenza rikjesta biex jassolvihom minn

responsabilita. Hu minnu illi John Bugeja tela' Milan ghand Sittam fuq ordni tal-istess Sitta, pero' minn hemm ma ghabba xejn ghax l-ispazju kien ftit wisq ghall-merkanzija li kellha Sittam. John Bugeja kien jaf xi spazju kellu meta kien Lodi u ghalkemm ma rrizultax jekk Sittam kienux jafu b'dan qabel jew meta tela Milan, dan juri nuqqas ta' hsieb u riskji zejda fil-kustodja tal-merkanzija. Meta wasal f'Milan u ma seta jghabbi xejn, John Bugeja gie moghti struzzjoni minn Sittam biex jipparkja t-truck u t-trailer barra l-warehouse fi triq pubblika fil-ghaxija meta kien gia id-dlam essendo Novembru, biex isiru d-dokumenti tad-Dwana. Kienet ta' min kienet l-idea li d-dokumenti tad-Dwana isiru hemm u mhux fil-port fejn il-probabilita' hi li jkun hemm iktar sigurta, kien nuqqas u riskju li seta gie evitat bi ftit hsieb. Kemm id-direttur ta' Sittam Signor Islinghi u anki John Bugeja kienu jafu li d-dokumenti tad-Dwana mhux sa jitlestew f'hakka t'ghajn u illi t-truck kien ser ikun pparkeggjat wahdu ghal certu hin.

F'dan il-kaz l-esponenti jissottometti illi ma jirrizultax li kien hemm cirkostanzi indipendenti mill-volonta, cioe' f'dan il-kaz Sittam Spa qua agenti ta' Parnis England u John Bugeja subappaltatur ta' J&A Trucking li ha struxxjonijiet diretti minghand Parnis England, li ghamlu l-obbligazzjoni ***'impossible of performance'***. Bl-azzjonijiet taghhom dawn it-tnejn ikkontribwew ghat-telf soffert mill-atturi nomine. L-esponenti jikkwota zewg kazi kwotati fil-ktieb ta' Malcolm Clarke, wiehed deciz mill-Qorti ta' Antwerp fil-Belgju fit-30 ta' Mejju 1979. F'dan il-kaz. Kif jikkwotah l-imsemmi awtur "The lorry, which was awaiting clearance by customs officials at Chiasso, was parked on a Saturday night in the place for such lorries. Over the weekend, while the driver was in Turin and the lorry unguarded, its load of cigarettes was stolen. Taking the view that the presence of the driver at the park over the weekend would have prevented the theft, the Court held the carrier's plea of unavoidable circumstances was unsuccessful." Kaz iehor li jsemmi l-istess awtur kien gie deciz mill-Qorti ta' Bruxxel fit-22 ta' Gunju 1973. "During transport from Munich to Brussels 55 cartons of electronic flashguns disappeared. The carrier, alleging that the lorry had been broken into and the goods stolen, pleaded that the loss had occurred through unavoidable circumstances. The Tribunal rejected this defence." Kemm Sittam Spa u John Bugeja ma hadux dawk il-passi kollha mehtiega biex jipprotegu l-merkanzija li kien hemm fit-trailer u ta' dan ghandu jirrispondi l-konvenut Parnis England fil-konfront tal-atturi peress illi kien hu t-trasportatur inkarigat kontrattwalment mid-ditta UCIM. It-telf gara waqt li l-merkanzija kienet f'idejn John Bugeja li kien qed jobdi ordnijiet ta' Sittam agenti ta' Parnis England skond l-istruzzjonijiet li tawh l-istess Parnis England. Hemm ness dirett bejn it-trasportatur Parnis England u

Sittam Spa u d-driver John Bugeja. Parnis England stess taw struzzjonijiet lil Johnb Bugeja biex isegwi l-istruzzjonijiet tal-agenti taghhom fl-Italja. Inoltre Kellhom komunikazzjoni diretta mieghu u hu esegwa dawk l-ordnijiet moghtija lilu.

L-azzjonijiet ta' Sittam Spa u John Bugeja jaqghu fit-termini tal-artikolu 3 li bihom Parnis England bhala t-trasportatur mqabbad minn UCIM ghandu jinzamm responsabbli fil-konfront tal-atturi nomine."

Il-Qorti hija tal-fehma li l-perit legali ghamel apprezzament tajjeb tal-fatti u ligi applikabbli u ghalhekk taqbel mal-konkluzjoni li s-socjeta` konvenuta Parnis England Trucking Ltd. hija responsabbli ghad-danni fil-konfront tas-socjeta` attrici, salv dejjem id-drittijiet taghha fil-konfront tas-subappaltaturi l-ohra fil-kawzi relattivi pendenti bejniethom.

**Id-danni dovuti**

L-ammont li s-socjeta` assikuratrici attrici hallset lis-socjeta` importatrici kien ta' Lm6938.45. Pero` skond l-artikolu 23 tal-Konvenzjoni tas-CMR, ir-responsabbilta` tat-trasportatur ghal kumpens ma tistax teccedi *"8.33 units of account per kilogram of gross weight short"* u li tali *unit of account* huwa *"the Special Drawing Right as defined by the International Monetary Fund"*. Dan jigi konvertit *"into the national currency of the state of the court seised of the case on the basis of the value of that currency on the date of that judgment or the date agreed upon by the parties"*.

Il-perit legali ndika fir-relazzjoni tieghu li l-piz tal-merkanzija in kwistjoni kien ta' 1750 kilogramm. Din il-figura tissemma' fid-dokument numru 8 anness mas-*survey report* (a fol. 46 u 47). Pero` mis-*survey report* proprju (ara fol. 7) u mill-polza ta' kariku (ara fol. 43) jirrizulta li l-piz kien ta' 1559.38 kilogrammi.

Filwaqt li l-perit legali ghamel il-komputazzjoni tieghu a bazi ta' Lm1.40 kull kilo ta' merkanzija, jirrizulta li r-rata tal-kambju medja tallum ta' l-i*special drawing rights* huwa ta' 1.7587 ghal kull lira Maltija (Lm1). Ghalhekk 8.33 SDRs huma ekwivalenti ghal Lm4.736. Il-piz ta' 1559.38 moltiplikat bil-figura ta' Lm 4.736 itina total ta' Lm 7385.22. Billi dan l-ammont huwa aktar mill-valur tal-*parts* misruqa, huwa l-inqas ammont li jrid jithallas mis-socjeta` konvenuta lis-socjeta` assikuratrici attrici, cioe' Lm6938.45.

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi tilqa' l-eccezzjonijiet ta' preskrizzjoni sollevati mis-socjeta` kjamata fil-kawza J & A Trucking Co. Ltd, u mill-kjamat fil-kawza John Bugeja u tiddikjara l-azzjoni odjerna preskritta fil-konfront taghhom, izda tilqa' t-talbiet attrici fil-konfront tas-socjeta` konvenuta Parnis England Trucking Ltd. billi

(1) tiddikjara lill-istess socjeta` konvenuta responsabbli ghan-nuqqas fuq indikat, u
(2) tikkundanna lill-istess socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' Lm 6938.45 bl-imghax mid-data tan-notifika tac-citazzjoni.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta` konvenuta li ghandha tbati l-ispejjez tas-socjeta` kjamata fil-kawza J & A Trucking Co. Ltd. filwaqt li din is-socjeta` kjamata fil-kawza ghandha tbati l-ispejjez tal-kjamat fil-kawza John Bugeja.

Onor. Imhallef
Dottor David Scicluna D/Registratur